



EUROPEAN MEDICINES AGENCY  
SCIENCE MEDICINES HEALTH

EMA/950102/2022  
EMA/H/C/005950

## Dimethyl fumarate Accord (*dimethyl fumarate*)

Ħarsa ġenerali lejn Dimethyl fumarate Accord u għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

### X'inhu Dimethyl fumarate Accord u għal xiex jintuża?

Dimethyl fumarate Accord huwa mediċina li tintuża biex tikkura sklerożi multipla (MS), marda li fiha l-infjammazzjoni tagħmel ħsara lill-insulazzjoni protettiva madwar in-nervituri (demijelinazzjoni) kif ukoll lin-nervituri nfushom. Jintuża f'adulti u fi tfal minn 13-il sena 'l fuq b'tip ta' MS magħrufa bħala MS li tirkadi u tbatti, meta l-pazjent ikollu taħrixiet tas-sintomi (rikaduti) segwiti minn perjodi ta' rkupru (remissjonijiet).

Dimethyl fumarate Accord huwa "mediċina ġenerika". Dan ifisser li Dimethyl fumarate Accord fih l-istess sustanza attiva u jaħdem bl-istess mod bħal "mediċina ta' referenza" diġà awtorizzata fl-UE. Il-mediċina ta' referenza għal Dimethyl fumarate Accord hija Tecfidera. Għal aktar informazzjoni dwar il-mediċini ġeneriċi, ara d-dokument mistoqsijiet-u-tweġibiet [hawnhekk](#).

Dimethyl fumarate Accord fih is-sustanza attiva dimethyl fumarate.

### Kif jintuża Dimethyl fumarate Accord?

Dimethyl fumarate Accord jista' jinkiseb biss b'riċetta ta' tabib u l-kura għandha tinbeda taħt is-supervizzjoni ta' tabib li għandu esperjenza fil-kura tal-MS.

Dimethyl fumarate Accord jiġi bħala kapsuli li jittieħdu mill-ħalq mal-ikel. Id-doża hi ta' 120 mg darbtejn kuljum għall-ewwel 7 ijiem, u wara tiżdied għal 240 mg darbtejn kuljum. Id-doża tista' titnaqqas temporanjament f'pazjenti li jesperjenzaw effetti sekondarji ta' fwawar u problemi gastrointestinali (stonku u msaren).

Għal aktar informazzjoni dwar l-użu ta' Dimethyl fumarate Accord, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

### Kif jaħdem Dimethyl fumarate Accord?

Fl-isklerożi multipla, is-sistema immunitarja (id-difiżi naturali tal-ġisem) tattakka u tagħmel ħsara lill-insulazzjoni protettiva madwar in-nervituri u lin-nervituri nfushom fil-moħħ u fis-sinla tad-dahar. Is-sustanza attiva f'Dimherity, id-dimethyl fumarate, hija maħsuba li taħdem billi tattiva proteina msejġha "Nrf2" li tirregola ċerti ġeni li jipproduċu antiossidanti involuti fil-protezzjoni taċ-ċelluli mill-ħsara.

**Official address** Domenico Scarlattilaan 6 • 1083 HS Amsterdam • The Netherlands

**Address for visits and deliveries** Refer to [www.ema.europa.eu/how-to-find-us](http://www.ema.europa.eu/how-to-find-us)

**Send us a question** Go to [www.ema.europa.eu/contact](http://www.ema.europa.eu/contact) **Telephone** +31 (0)88 781 6000

An agency of the European Union



Intwera li d-dimethyl fumarate tnaqqas l-infjammazzjoni u timmodula l-attività tas-sistema immunitarja.

## **Kif ġie studjat Dimethyl fumarate Accord?**

Studji dwar il-benefiċċji u r-riskji tas-sustanza attiva fl-użu awtorizzat diġà twettqu bil-mediċina ta' referenza, Tecfidera, u m'għandhomx għalfejn jiġu ripetuti għal Dimethyl fumarate Accord.

Bħal fil-każ ta' kull mediċina oħra, il-kumpanija pprovdiet studji dwar il-kwalità ta' Dimethyl fumarate Accord. Il-kumpanija wettqet ukoll studji li wrew li huwa "bijoekwivalenti" għall-mediċina ta' referenza. Żewġ mediċini jkunu bijoekwivalenti meta jipproduċu l-istess livelli tas-sustanza attiva fil-ġisem u għalhekk huma mistennija li jkollhom l-istess effett.

## **X'inhuma l-benefiċċji u r-riskji ta' Dimethyl fumarate Accord?**

Minħabba li Dimethyl fumarate Accord huwa mediċina ġenerika u huwa bijoekwivalenti għall-mediċina ta' referenza, il-benefiċċji u r-riskji tiegħu jitqiesu l-istess bħal dawk tal-mediċina ta' referenza.

## **Għaliex Dimethyl fumarate Accord ġie awtorizzat fl-UE?**

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kkonkludiet li, b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-UE, Dimethyl fumarate Accord wera li għandu kwalità komparabbli u huwa bijoekwivalenti għal Tecfidera. Għaldaqstant, l-opinjoni tal-Aġenzija kienet li, bħal fil-każ ta' Tecfidera, il-benefiċċji ta' Dimethyl fumarate Accord huma akbar mir-riskji identifikati u li jista' jiġi awtorizzat għall-użu fl-UE.

## **X'miżuri qegħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Dimethyl fumarate Accord?**

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi r-rakkomandazzjonijiet u l-prekawzjonijiet li għandhom ikunu segwiti mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u mill-pazjenti għall-użu sigur u effettiv ta' Dimethyl fumarate Accord.

Bħal fil-każ tal-mediċini kollha, id-data dwar l-użu ta' Dimethyl fumarate Accord hija ssorveljata kontinwament. L-effetti sekondarji rrapportati b'Dimethyl fumarate Accord huma evalwati bir-reqqa u kull azzjoni meħtieġa hi meħhuda biex il-pazjenti jiġu protetti.

## **Informazzjoni oħra dwar Dimethyl fumarate Accord**

Aktar informazzjoni dwar Dimethyl fumarate Accord tinstab fis-sit web tal-Aġenzija: [ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/dimethyl-fumarate-accord](http://ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/dimethyl-fumarate-accord). Informazzjoni dwar il-mediċina ta' referenza tinstab ukoll fis-sit web tal-Aġenzija.